**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Neville Aquilina**
**V**

**ANDRE CARBONARO**

**Illum, 16 ta' Mejju, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANDRE CARBONARO** ta’ sitta w ghoxrin sena bin Carmel u Elizabeth nee Zampa, imwieled H'Attard nhar l-ewwel ta' April, 1974 u joghod 54, Triq il-Papa Urbanus VIII, B'Kara jew 217, Triq Sant'Ursola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 191174M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-tlettax ta' Marzu, 2001 u matul dawn l-ahhar sitt xhur qabel din d-data b'diversi atti wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr permess tal-Ministru, minghajr ma kien negozjant

awtorizzat, f'Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija bhala persuna li ma kienx negozjant awtorizzat, kellu fil-pussess ta jew l-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, offra dak id-deheb jew dawk il-flus barranin jew ra li jigu offerti ghal jbiegh lil negozjant awtorizzat u dan minghajr l-permess tal-Ministru.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew skond dan l-att u li ftiehem jew ipprova jew ghen, hajjar, ta parir jew qabbad xi persuna ohra sabiex tikser xi restrizzjoni jew htiega kif imsemmija f'dan l-att.

Il-Qorti rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Marzu, 2001 esbit f'dawn l-atti a fol 11 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Marzu, 2001ai termini tal-artikolu 43 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju Kap 233, markat bhala dokument CSH 2 esibit a fol 10 sabiex jigu inizjati l-proceduri odjerni.

Rat li l-imptuat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sittax ta' Marzu, 2001.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi kollha tad-difiza.

Semghet l-partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tad-disgha ta' Mejju, 2002.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta **mix-xhieda tal-Ispettur Neville Aquilina** li matul ix-xahar ta' Frar u Marzu tas-sena 2001 kien

qed jinvestiga kazijiet dwar allegat ksur tal-ligijiet naxxenti mill-Exchange Control, fosthom allegat rapport li l-imputat kien qed jkollu fil-pussess tieghu xi flus ta' munita barranija u li kien qed jipprova jsarrafhom f'Malta.

Nhar t-tlettax ta' Marzu, 2002 huwa, flimkien ma xi Ufficjali ohra tal-Pulizija kienu marru hdejn l-ufficju tal-imputat u meta rawh hiereg mill-ufficju tieghu, staqsewh wara li ddentifikaw ruhhom bhala Pulizija, biex jakkumpanjawh l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta. Talbuh jizvojta l-bwiet tieghu u minn go fihom hareg lighter, mobile phone, wallet u envelopp abjad li kien fih tlett cekkijiet f'munita barranija. Dawn t-tlett cekkijiet gew elevati mill-Pulizija u sussegwentement ippresentati l-Qorti u gew mmarkati bhala dokumenti NA 1, NA 2 u NA 3. L-ewwel zewg cekkjiet u cioe NA 1 u NA 2 kellhom ammont ta' US Dollars 23,000 u 12,000 rispettivament u kienu datati hamsa ta' Marzu, 2001 filwaqt li t-tielet cekk li huwa markat bhala dokument NA 3 kien fl-ammont ta' US Dollars 9,753 u kien datat tnax ta' Marzu, 2001.

L-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni ta spjiegazzjoni dwar l-pussess ta' dawn ic-cekkijiet. Skond l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Neville Aquilina, l-imputat kien qallu li dakinhar stess ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar huwa kien iltaqa ma persuna ta' nazzjonalita barranija certu Atwar Asawam hdejn il-Bank of Valletta International. Huma marru f'xi coffee shop u l-istess Atwar Asawam ghaddielu t-tlett cekkijiet fuq imsemmija sabiex isarrafhomlu u allegatament jiehu xi *commission*.

Spjiega wkoll li xi xahrejn qabel, l-istess Atwar Asawam kien ghaddielu xi flus ta' munita Argentina pesos, pero dawn ma ssarrfux peress li ma kienux munita legali. Darba ohra kien sarraflu madwar US Dollars 50,000 f'munita maltija u kien ghadda s-somma ta' LM20,000 lil dan Atwar Asawam. Ghal dan x-xoghol l-imputat allegatament thallas elf lira maltin.

L-Ufficjal Prosekutur tkellem ma dan Atwar Asawam w kkonferma li dak li kien qallu l-imputat kien veritier jew li kien gie korroborat. Anzi rrizulta li dan Atwar Asawam kien qal li l-flus in

kwistjoni kienu gew f'idejh b'mod lecitu u cioe in konnessjoni max-xoghol tieghu hawn Malta.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Atwar Asawam jixhed fis-seduta tad-disgha ta' Lulju, 2001** fejn stqarr li hu kien ilu jaf lil imputat bhala impjegat mal-Bank of Valletta International u ghalhekk kien avvicinah u talbu l-ghajnuna biex isarraf xi flejjes barranin. Kkonferma li l-munita Argentina pesos li ghadda lill-imputat kienet munita li ma kienetx tissarraf hawn Malta u skond ma qallu l-imputat, tista tissarraf biss fl-Argentina u ghalhekk din il-munita ma ssarfitx.

Sussegwentement f'okkazzjoni ohra wkoll bhala hlas ghal xi xoghol li ghamlet il-kumpanija tieghu dan Atwar Asawam kien ircieva hlas permezz ta' cekkijiet f'US Dollars fl-ammont ta' 51,000 u l-imputat kien sarrafhomlu u tah draft mahrug mill-HSBC ghall-ammont ta' LM20,090.00. Atwir Asawam irrikonaxxa d-dokument NA 6 esibit fl-atti bhala d-deposit slip mahrug mill-bank HSBC u allegatament moghti lil imputat. Il-bank draft tal-HSBC gie moghti lilu mill-imputat. Atwar Asawam qal li ta lil imputat s-somma ta' elf lira maltin ghal din t-transazzjoni.

Huwa rrakkonta wkoll l-inkontru li kellu nhar t-tlettax ta' Marzu, 2001 meta ghadda lil imputat t-tlett cekkijiet esibiti fl-atti markati bhala dokumenti NA 1, NA 2 u NA 3.  Huwa kkonferma li ltaqa mal-imputat hdejn il-BOVI International ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar.  Huwa stqarr li una volta c-cekkjiet kienu jissarrfu huwa kien lest li jaghtih *commission* ta' 25%.

Huwa kkonferma li t-transazzjoni li ghamel l-imputat ghan-nom tieghu kienet dejjem fil-bank lokali u huwa kien dejjem ircieva l-flus permezz ta' draft mahrug mill-HSBC.

Il-Prosekuzzjoni esibiet l-istqarrija li kien irrilaxxja l-imputat nhar l-erbatax ta' Marzu, 2001 a tempo vergine tal-investigazzjoni liema stqarrija tinsab inserita fl-atti a fol 16 w mmarkata bhala dokument NA 5.

Huwa stqarr dak kollu li qal l-Ufficjal Prosekutur b'mod verbali u gie rrepetut mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Neville Aquilina fix-xhieda tieghu l-Qorti.  Apparti dan, l-Ufficjal Prosekutur staqsih xi

domandi fuq xi bank accounts li ma gewx esibiti fl-atti u ghalhekk din il-parti tax-xhieda ser tigi skartata.

**L-imputat offra d-deposizzjoni tieghu nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 2002** w kkonferma dak li kien qal fl-istatement w in oltre dak li gie spjiegat mix-xhud Atwar Asawam. Huwa kkonferma li kien sarraf il-flus ta' Atwar Asawam pero stqarr li kien ghamel hekk f'bank lokali kif del resto jirrizulta anke mix-xhieda li ta l-istess Atwar Asawam. Spjiega d-domanda li kien ghamel lil Charles Alamango, impjegat tal-BOV International, dwar l-pesos Argentini liema xhieda giet wkoll kkonfermata mill-istess Charles Alamango. Spjiega r-relazzjoni tieghu ma Edward Licari u cioe dwar business li martu ghandha mieghu, **liema xhieda giet wkoll kkonfermata mill-istess Edward Licari nhar d-disgha ta' Mejju, 2002 fil-Qorti**.

Dwar il-fatti kif esposti mill-imputat ma jidhirx li hemm kontestazzjoni peress li gew ikkonfermati mix-xhieda kollha li xhedu. L-unika kontestazzjoni bejn d-Difiza u l-Prosekuzzjoni hi li d-Difiza ssostni li dak li ghamel l-imputat kien regolari u legali filwaqt li l-

Prosekuzzjoni ssostni li dan l-agir tieghu jmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar l-Kontroll tal-Kambju.

Illi mill-atti processwali jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Edwin Calleja liema xhieda tinsab a fol 22 tal-atti odjerni, li l-imputat mhux *an authorised dealer* biex jinnegozja flus ta' munita barranija.

**Il-Qorti** thoss li f'dan l-istadju ghandha **taghmel referenza ghas-sentanza moghtija minnha stess** nhar ***t-tmienja ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mahmud Ali Amber** dwar x'hinu l-ahjar prova fi dritt penali u l-elementi ta' reati moghtija fil-konfront tal-imputat.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Il-principju generali rigward it-tezi ta' "*burden of proof*" hi dik ta' min jallega irid jipprova. Fil-fatt fi kliem **Manzini** kif misjuba fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale:***

*"Il cosi della onere detto prova cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa," (onus probandi incumbit qui asserit).*

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ppruvata hatja, u dan ai termini tal-artikolu 40 subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

*"Every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Michele Borg et*** fejn intqal:

*"Illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza ? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova irid jigi sodisfatt l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

*"That degree is well settled...it must carry a high degree of probability...if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Xi tfisser dubbju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero zgur li tfisser aktar mill-grad ta' probabilita. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero ma tridx tigi konfusa mal-livell ta' certezza morali u lanqas ma prova xjentifika. **Lord J. Denning** fis-sentenza ***Miller v Minister of Pensions (1935)*** qal;

*"That degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the*

*sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice."*

L-imputat fl-ewwel lok gie akkuzat bir-reat kontemplat **fl-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe:

"Minghajr il-permess tal-Ministru, minghajr ma kien negozjant awtorizzat, f'Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat."

Hawnhekk mela tapplika l-ipotesi ta' negozju li qed isir f'Malta (b'eccezzjoni ghal dak in-negozju li jsir bil-permess tal-Ministru) minn persuna li ma hiex persuna awtorizzata f'Malta li tixtri jew tbiegh, tislef jew tissellef deheb jew flus ta' munita barranija minn persuna li **wkoll** ma hiex awtorizzata.

Mill-provi prodotti u cioe mix-xhieda ta' Edwin Calleja jirrizulta li l-imputat ma hux *an authorised dealer* fit-termini tal-**artikolu 3(1) tal-Kap 233**, pero fl-ebda hin ma jghid li Atwar Asawam kienx '*an authorised dealer'* jew le. Din il-prova li Atwar Asawam ma hux '*an authorised dealer'* fi kliem il-ligi u cioe li m'ghandux licenzja mahruga mill-Ministru, prova li trid ssir mill-Prosekuzzjoni, hija nieqsa ghal kollox.

Il-Prosekuzzjoni hawnhekk donnha fissret illi l-Qorti m'ghandix toqghod biss fuq il-prova prodotta dwar kif kien ser isir t-tisrif tad-dokumenti NA 1, NA 2 u NA 3, izda ghandha wkoll tqis t-transazzjoni l-ohra li saret qabel u cioe fix-xahar ta' Frar meta l-imputat sarraf xi allegat cekkijiet fl-ammont ta' US Dollars 51,000.

Illi bir-rispett kollu hawnhekk wkoll jirrizulta li l-imputat sarraf c-cekkijiet f'bank lokali ghaliex fil-fatt il-bank HSBC hareg draft fl-ammont ta' LM26, 690, kif jirrizulta mid-dokument esibit a fol 33 tal-atti.

Issa jekk il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat sarraf dawn il-flejjes go post mhux awtorizzat u wara ddeposita l-flejjes go bank biex harget din d-draft, zgur li ma ppruvatx din l-allegazzjoni. Ma hemmx dubbju li sal-grad rikjest mill-lilgi, l-imputat irnexxilu jipprova li sarraf il-flus moghtija lilu b'mod legali.

Il-legislatur b'dan l-artikolu tal-ligi bl-ebda mod ma ried jfisser li cittadini maltin ma jistghux jsarrfu cekkijiet f'munita barranija f'bank lokali izda ried li ma jsirx negozju f'tisrif ta' flejjes barra f'postijiet jew minn nies mhux awtorizzati.

Il-fatt li l-imputat allegatament thallas elf lira maltin bhala *commission* minn Atwar Asawam ghas-servizz rez minnu bl-ebda mod ma jfisser li mar kontra d-disposizzjoni tal-artikolu 4(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Semmai**, kif tajjeb osservat d-difiza, **l-imputat messu gie akkuzat b'reati kommessi ma ksur tal-Att XXII tal-1994 dwar istituzzjoni finanzjarja u cioe bi ksur tal-artikolu 22(2) ta' dan l-Att,** ghaliex qala *commission* minn attivita finanzjarja u ovvjament

sabiex wiehed jghamel dan t-tip ta' negozju irid bilfors jkollu l-licenzja mill-awtorita relattiva. Peress li n-negozju regolari tal-imputat ma jidhirx li jaqa taht d-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja, hu qatt ma setgha jaghmel dawk t-transazzjonijiet finanzjarji fejn gie allegat li rcieva xi kumpens ghas-servizz li jaghmel ghat-tisrif ta' cekkijiet.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Lulju, 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Abela**, fejn dik l-Qorti wkoll tat din t-tifsira ghal dan l-agir u cioe li l-qliegh ta' *commission* fuq tisrif ta' cekkijiet jaqa taht d-disposizzjoni ta**l-artikolu 2 tal-Att XXII tal-1984 u mhux taht l-artikolu 4(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta** kif gie akkuzat l-imputat.

**Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lil imputat ANDRE CARBONARO hati ta' din l-ewwel akkuza.**

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat taht l-artikolu 5(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:

" Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija bhala persuna li ma kienx negozjant awtorizzat, kellu fil-pussess ta jew l-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, offra dak id-deheb jew dawk il-flus barranin jew ra li jigu offerti ghal jbiegh lil negozjant awtorizzat u dan minghajr l-permess tal-Ministru."

Il-kwistjoni kollha ddur madwar l-artikolu 5(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe jekk il-fatt li l-imputat kellu dawk il-flus fil-pussess tieghu, jivvjolax l-artikolu hawn fuq imsemmi.

Fis-sub inciz (4) tal-artikolu 5 il-ligi tistabilixxi li persuna li jkollha fil-pussess taghha flus barranin ghandha ssarrafhom lura fi flus maltin ***fi zmien xieraq.***

Skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Lulju, 1988*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Winston Zahra** sostniet li;

*"Il-flus barranin ghandhom jigu offruti mhux immedjatament izda fi zmien xieraq u x'jikkostitwixxi zmien xieraq* ***tarah il-Qorti u hadd izjed****."*

Fis-sentenza moghtija mill-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju, 1993*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Vassallo**, dik l-istess Qorti tal-Appell iddecidiet li zmien xieraq huwa zmien ta' tlett xhur.

Fil-kaz presenti, dwar l-ewwel transazzjoni li saret, il-Qorti ma hiex posizzjoni tkun taf kemm damu ghand l-imputat qabel ma gew imsarrfa u ghalhekk il-Qorti mhux ser tidhol f'dan l-element. Pero dwar il-pussess tat-tlett cekkijiet esibiti markati bhala dokumenti NA 1, NA 2 u NA 3, zgur li kienu ghand l-imputat ghal perjodu ta' jum. Dan gie kkonfermat kemm mill-imputat kif wkoll minn Atwar Asawam stess li qal li tahomlu lejliet li gie arrestat u cioe fit-tnax ta' Marzu, 2001. In oltre dawn ic-cekkijiet saru valuta legali in kwantu ghad-dokumenti NA 1 u NA 2 fil-hamsa ta' Marzu, 2001, tmint ijiem qabel ma l-imputat gie arrestat u in kwantu gad-dokument NA 3 f'dik il-gurnata stess tal-arrest tieghu u cioe t-tlettax ta' Marzu, 2001.

Ghalhekk zgur li l-imputat ma kienx ilu fil-pusses effettiv ta' dawn ic-cekkijiet.

Id-Difiza sostniet li huwa veru li l-imputat kellu fil-pussess tiegu flus barranin pero dawn ic-cekkijiet ma kienux *negotiable instruments* u cioe li l-gira ma tintitolax lil imputat jiddeposita c-cekkijiet f'ismu jew f'akkont iehor li mhux tal-payee, u ghalhekk r-reat ma setghax isir u cioe fil-fehma taghha kien hemm l-impossibilita li dan r-reat jigi kkonsmat.

Din il-Qorti ssostni li dan r-reat jissusisti indipendentement jekk il-flus jissarfu jew le, jew jigux depositati jew le fil-kont tal-imputat ghaliex il-ligi tuza l-kliem "*toffri dawk il-flus barranin* " kif wkoll il-kliem "*jew tara li jigu offerti.*"  Il-ligi f'dan il-kuntest ma taghmilx distinzjoni dwar minn hu intitolat li jsarraf il-flus jew strument ta' kreditur in kwistjoni.

Il-Qorti thoss li sakemm il-persuna li jkollha il-pussess ta' flus barranin u toffrihom ghal bejgh "fi zmien xieraq" ma tkunx qed tikser din d-disposizzjoni tal-ligi.  Dan l-hsieb huwa konfermat fis-***sentenza***

***moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Lulju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Winston Zahra**. Din il-Qorti ddecidiet hekk:

> *"Mela sakemm persuna li jkollha fil-pussess taghha cheque fi flus barranin taggira dak ic-cheque biex l-istess ikun jista jissarraf f'Malta, ma tkun qed taghmel xejn hazin. Kull interpretazzjoni differenti tkun twassal ghal assurd u ghar-ridikolu ghaliex altrimenti kull negozjant u kull kumpanija li tircievi cheques u strumenti ta' kreditu ohrajn minn barra fi flus barranin, ma jkunx jista juza l-impjegati tieghu/taghha biex tiddepozithom jew issarrafhom. Ikun invece qed jikkommetti reat dak l-impjegat jew sekonda persona ohra li flok jottempera ruhu mal-ligi u jara li jigu offruti skond l-ligi, jaghmel uzu illegali minnhom. Pero jekk dan isir in mankanza ta' provi kuntrarji, il-mandanti ma jistax jigi ritenut responsabbli wkoll."*

F'dan il-kaz zgur li ma jirrizultax, almenu ghas-sodisfazz tal-Qorti, li l-imputat kellu xi intenzjoni li jsarraf il-flus f'xi post mhux awtorizzat skond l-ligi.

**Il-Qorti ghalhekk lanqas ma thoss li din t-tieni akkuza tirrizulta ppruvata.**

L-imputat gie wkoll akkuzat fit-tielet lok li fl-istess data, lok u cirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew skond dan l-att u li ftihem jew ipprova jew ghen, hajjar, ta parir jew qabbad xi persuna ohra sabiex tikser xi restrizzjoni jew htiega kif imsemmija fl-**artikolu 39 tal-Kap 233**.

Illi minn ezami tac-cirkostanzi, kif prodotti, il-Qorti ma hiex tal-fehma li l-imputat kiser xi restrizzjoni jew projbizzjoni mposta skond dan l-Att u lanqas ma gie ppruvat li ftiehem jew ipprova jew ghen jew hajjar jew ta' parir biex tinkiser xi restrizzjoni ghaliex minn dak li gie ppruvat jirrizulta fuq bazi ta' probabbilita li l-imputat dejjem sarraf il-flejjes barranin f'istituzzjoni awtorizzata b'ligi.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 4(1), 5(1), 39 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputat ANDRE CARBONARO hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u tilliberah minn kulll akkuza.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**